**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joseph Cassar Aveta *noe*

*versus*

Joseph Gatt *et*

## Bejgh - Artikoli 1343, 1390, 1397 tal-Kodiċi Ċivili

*Meta il-konsenja ma tkunx ta' kwalità mwegħda, jew ma tkunx bħal kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel: (1) jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni; (2) jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Minn imkien fil-liġi ma jirriżulta d-dritt li qed jippretendu l-appellanti li l-kompratur iżomm l-oġġett li ma jkunx skond il-kwalità miftehma jew bħall-kampjun u jesiġi li dan jiġi b'xi mod irranġat in parte mibdul jew sostitwit. Din hi disposizzjoni essenzjali għall-protezzjoni tal-kompratur kontra l-pretensjoni tal-venditur li, una volta jkun ikkonsinna oġġett mhux tal-kwalità miftehm jew mhux bħall-kampjun, jippretendi li l-kompratur kellu jżomm dak l-oġġett ikkonsenjat waqt li hu jipprova jirranġah jew jimmodifikah biex igibu jaqbel mal-kampjun jew mal-kwalità miftehma. Il-kompratur kellu d-dritt li jagħżel li jirrifjuta l-oġġett jew li jżommu bi prezz anqas. Din hi għażla miftuħa lill-kompratur li l-appellanti għar-raġunijiet tagħhom, ma għamlux.*

*Il-Qorti ta' l-Appell waslet għall-konklużjoni illi, filwaqt li kienet korretta s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi kien legalment u proċeduralment permess lilhom illi bħala kompraturi jopponu t-talba għall-ħlas ta' l-attur* nomine *billi jeċċepixxu li l-merkanzija konsenjata ma kinitx tal-kwalità pattwita, huma ċertament ma kinux korretti fl-insistenza tagħhom li jżommu l-mejda imma jibqgħu jesiġu li jridu ħġieġa ġdida u li ma jħallsux il-bilanċ dovut qabel ma jsir dan. Din l-opzjoni ma kinitx miftuħa għall-kompratur.*

Il-Qorti:-

Is-soċjetà attriċi pproċediet b'dan l-att taċ-ċitazzjoni kontra l-konvenuti għall-kundanna għall-ħlas ta' somma rappreżentanti bilanċ ta' ammont akbar prezz ta' mejda lilhom mibjugħa u kkonsenjata;

"L-attur *nomine* wara li ppremetta:

Illi l-konvenuti xtraw għamara mingħand is-soċjetà attriċi C. Fino & Sons Limited, liema mobilja ġiet lilhom debitament ikkonsenjata;

*U illi fuq dina l-għamara l-konvenuti għad baqgħalhom iħallsu lill-attur nomine* l-bilanċ ta' ħames mija u disgħin lira Maltija (Lm590) kif jidher mill-*istatements* uniti maċ-ċitazzjoni u mmarkati dok. A u B;

U illi l-istanti *nomine* interpella l-konvenuti inutilment biex iħallsu l-istess bilanċ minnhom dovut;

Talab għalhekk li l-konvenuti jgħidu għaliex ma għandhiex din il-Qorti għar-raġunijiet premessi:

*Tikkundannahom iħallsu lill-attur nomine s-somma ta'* Lm590 bilanċ ta' somma akbar rappreżentanti prezz ta' għamara lilhom mibjugħ u kkonsenjata kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri interpellatorji ta' l-4 ta' Ġunju, 1993, u l-24' ta' Ġunju, 1994, ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' April, 1994, u bl-imgħax legali mis-7 ta' Jannar, 1993, data tal-konsenja ta' l-għamara u wkoll bl-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment maċ-ċitazzjoni kontra l-konvenuti li ġew inġunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni";

Il-konvenuti eċċepew illi l-kawża kienet intempestiva billi l-atturi *nomine* kienu għadhom ma kkonsenjawx l-għamara kollha tal-kwalità pattwita bejn il-partijiet skond il-ftehim u l-ammont mitlub sa dakinhar ma kienx għalhekk dovut kif lanqas

kien dovut ebda imghax kif reklamat mill-atturi *nomine*;

B'sentenza ta' l-10 ta' Novembru, 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi:

"Fl-ewwel lok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' ħames mija u disgħin lira (Lm590) bilanċ ta' somma akbar prezz ta' għamara lilhom mibjugħa u kkonsenjata u dana bl-imgħaxijiet kollha legali li se mai għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali ndikata fiċ-ċitazzjoni jew min-notifika ta' din iċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tal-konsenja;

Spejjeż kontra l-konvenuti":

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"L-attur *nomine* qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh is-somma ta' Lm590 bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' għamara lilhom mibjugħa u kkonsenjata. In effetti jirriżulta illi l-konvenuti xtraw mingħand l-attur *nomine* kwantita ta' għamara u ma kien hemm ebda kwistjoni ħlief dwar mejda bil-wiċċ tal-ħġieġ li kienet tiswa Lm995. Jirriżulta illi l-konvenuti ħallsu għall-għamar kollha li xtraw mingħand is-soċjetà attriċi kif ukoll għamlu pagament akkont ta' l-imsemmi prezz tal-mejda, però qed jirrifjutaw li jħallsu l-bilanċ peress li qed jgħidu li l-wiċċ ta' l-istess mejda li huwa tal-ħġieġ fih xi difett. In vista ta' dan kollu għalhekk din il-kwistjoni tirrigwarda l-imsemmi bilanċ li għad irid jitħallas għar-rigward tal-mejda msemmija;

Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-mejda ġiet ikkonsenjata lill-konvenuti f'April ta' l-1993, u fil-ħin tal-konsenja l-konvenuti mill-ewwel indunaw li l-wiċċ tal-ħġieġ tal-mejda

kellu difett. Dwar dan id-difett il-konvenuta tgħid li dan *jikkonsisti f'żewġ girflet. Minn provi oħra però, anke minn dak* li qal il-konvenut żewġha, jirriżulta li d-difett kien jikkonsisti f'girfa waħda ta' xi pulzier;

*Jirriżulta li* l-konvenuti mill-ewwel ilmentaw mas-soċjetà attriċi dwar dan id-difett u di fatti l-istess soċjetà attriċi offriet lill-konvenuti li jew jagħżlu wiċċ tal-ħġieġ ieħor jew inkella jieħdu lura l-mejda u ssir rifużjoni tad-depożitu jew tal-parti tal-prezz li kien ġà tħallas. Il-konvenuti però dan ma aċċettawhx u nsistew *li* s-soċjetà attriċi kellha tibgħatilhom ħġieġa oħra ġdida u tajba. Il-konvenuti inoltre allegaw li l-ħġiġiet l-oħra li offrietilhom is-soċjetà attriċi kienu lkoll danneġġjati. Din l-aħħar allegazzjoni però ma tirriżultax suffiċjentement ippruvata;

Jirriżulta ukoll li l-mejda bil-ħġieġa migrufa, ċjoè kif ikkonsenjata għada għand il-konvenuti u użawha bħala parti mill-għamara tad-dar tagħhom. Ma jirriżultax li l-konvenuti ħadu xi azzjoni ġudizzjarja dwar id-difett fil-mejda. Huma lanqas ma ddepożitaw il-mejda taħt l-awtorità tal-Qorti;

Il-konvenuti da parti tagħhom qed jeċċepixxu li din l-azzjoni hi ntempestiva billi l-attur *nomine* ma kkonsenjax il-mejda skond *il-kwalità* pattwita u għalhekk *l-ammont li* qed jintalab għadu mhux dovut;

Il-Kodiċi Ċivili (artikolu 1393) jipprovdi li l-oġġett *mibjugħ għandu jiġi kkonsenjat kif kien fil-ħin tal-bejgħ.* Skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 1347 ta' l-istess Kodiċi Ċivili, però, li l-bejgħ tal-mejda in kwistjoni għandu jitqies li sar malli l-partijiet ftehmu dwar l-istess oġġett u dwar il-prezz tiegħu. Għalhekk il-proprjetà tal-mejda għaddiet għand il-konvenuti malli sar tali ftehim u mhux meta saret il-konsenja;

Malli l-konvenuti ndunaw li kien hemm id-difett in kwistjoni huma kellhom jew ai termini ta' l-artikolu 1390 jew ai termini ta' l-artikolu 1427 dejjem tal-Kodiċi Ċivili jew jirrifjutaw il-mejda u jirrexindu l-bejgħ jew li jirċievu l-mejda u jitolbu riduzzjoni fil-prezz;

Jirriżulta, kif gà ġie rrilevat, illi l-konvenuti ma ħadu *ebda* azzjoni legali u lanqas ma ddepożitaw il-mejda l-Qorti. Huma għażlu li jżommu l-mejda u di più li jużawha bħala parti mill-arredament ta' darhom;

In vista tal-premess, għalhekk, l-imsemmija *eċċezzjonijiet* tal-konvenuti ma jistgħu qatt jiġu akkolti. Barra minn hekk, la darba l-konvenuti għażlu li jżommu l-mejda meta kienu jafu bid-difett u ma ħadu ebda azzjoni ġudizzjarja għar-rigward ta' l-istess difett, huma għalhekk għandhom iħallsu l-*bilanċ kollu* dovut. Peress li huma ma ħadu ebda azzjoni ġudizzjarja, għandu jitqies li huma qed jirrifjutaw li jħallsu l-bilanċ in kwistjoni sempliċement fuq skuża jew pretest;

Inoltre jirriżulta li s-soċjetà attriċi da parti tagħha, offriet żewġ rimedji lill-konvenuti, però dawn irrifjutw l-alternattivi offerti mingħajr ma tirriżulta raġuni valida għaliex għamlu hekk;

In vista tal-premess l-eċċezzjonijiet kif issollevati mill-konvenuti għandhom jiġu miċħuda filwaqt li t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa *in toto*";

L-aggravji tal-konvenuti huma u baqgħu imperjati *fuq l-unika* eċċezzjoni li huma taw għat-talbiet attriċi, dik ċjoè ta' l-intempestività ta' l-azzjoni. Din l-eċċezzjoni hi bbażata fuq dawn il-fatti li l-appellanti jippretendu li jippruvaw sodisfaċentement quddiem l-Ewwel Qorti u ċjoè *li l-attur*

*nomine* appellat kien: (1) *ikkonsenja l-merkanzija parzjalment* difettuża; (2) obbliga ruħu li jbiddel dik il-parti tal-merkanzija li kienet difettuża; u (3) aġixxa għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz intier qabel ma kien issodisfa l-obbligu minnu assunt illi jibdel dik il-parti tal-merkanzija li kienet difettuża;

Dawn il-fatti huma kkontestati *mis-soċjetà attriċi* li ma taqbilx li hi obbligat ruħha li tbiddel dik il-parti tal-merkanzija li kienet difettuża. L-attur *nomine* offra lill-konvenuti biex, jekk iridu, imorru jagħżlu wiċċ ieħor minn dawk li kien hemm fl-*istore*, imma dana mhux għax hekk kienet obbligata li tagħmel, imma bi spirtu ta' transazzjoni. Infatti l-offerta kienet jew li l-konvenuti jagħmlu hekk jew jekk ma riedux, jew ma setgħux hekk jagħmlu, is-soċjetà attriċi offriet li tieħu lura l-mejda u tirifondi l-ammont iddepożitat. Offerta din għal kollox diversa mill-obbligazzjoni *li tbiddel il-ħġieġa* b'waħda għas-sodisfazzjon ta' l-appellanti. Għandu jiġi rrilevat li hija għal kollox żbaljata l-enfasi *ta' l-appellanti illi l-mejda meritu tal*-kontestazzjoni kellha żewġ partijiet distinti u ċjoè l-parti statwarja u l-ħġieġa, *li tidher li hu paċifiku li kellha girfa żgħira* u li kienet tifforma l-wiċċ tal-mejda, il-mejda kienet oġġett wieħed ta' għamara, naturalment u *ovvjament* mibjugħ *quid unum*, bħala *unit* wieħed. Dan hu mportanti għall-konsiderazzjoni li x-xerrej, rinfaċċjat b'sitwazzjoni li l-oġġett lilu kkonsenjat bħala parti mill-ordni ta' l-għamara kellu difett, kellu skond il-liġi, bħala wieħed mir-rimedji għall-inadempjenza kontrattwali tal-venditur, il-jedd li jirrifjuta l-oġġett lilu kkonsenjat. Dan ir-rimedju jimplika neċessarjament ir-rifjut ta' l-oġġett kollu kkonsenjat. Ma kellux allura x-xerrej il-jedd li jżomm parti dak l-oġġett u jirrifjuta biss li jirtira dik il-parti li hu jsostni li kienet difettuża. Din *il-konsiderazzjoni* għalkemm tidher ovvja, jeħtieġ li ssir biex jiġi ssottolineat il-*punt ta' dritt in vista* ta' *l-insistenza ta' l-appellanti li s-soċjetà* attriċi kellha tibdlilhom biss il-ħġieġa għax fil-bqija kienu sodisfatti. Hu ċar għalhekk, illi jekk, *kif jidher li ġara fil-każ taħt*

eżami, għal xi raġuni ma kienx possibbli għall-venditur li jissupplixxi lill-kompratur bl-oġġett ordnat skond il-kwalità pattwita u ħieles minn kull difett, wieħed mir-rimedji li kellu l-kompratur kien li jirritorna l-oġġett sħiħ, kif ġie lilu kkonsenjat u li hu kien jipprentendi li kien difettuż. Ma setax jirrifjuta li jaċċetta biss dik il-parti difettuża u jżomm il-parti l-oħra;

Essenzjali li tiġi stabbilita n-natura tal-kuntratt li jirregola r-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-kontendenti. Ma jidhirx li hu kkontestat li dan hu kuntratt ta' komprovendita u mhux ta' appalt. Hekk jippretendi l-attur *nomine* fl-att taċ-ċitazzjoni u hekk jippremetti. Hekk jaċċettaw li kien il-konvenuti u hekk hu ppruvat mill-fatti. Tant li hu stabbilit li s-soċjetà *attriċi hi* l-importatriċi ta' dawn l-imwejjed li fil-manifattura tagħhom, fl-ebda mument ma tippresta l-opra tagħha. Il-konvenuti nfatti raw kampjun esebit għall-bejgħ fix-*showroom* ta' l-attur *nomine* u ordnaw waħda bħala. Qegħdin jilmentaw li dik lilhom ikkonsenjata ma kinix skond il-kampjun, jew ta' l-anqas ma kinitx skond il-kwalità pattwita, billi dik li raw fix-*showroom* jikkontendu li kellha ħġieġa perfetta, waqt li dik lilhom ikkonsenjata kellha girfa;

Issa mix-xorta stess ta' l-oġġett mibjugħ hu ċar illi dan mhux każ ta' vizzju istanti għax id-difett kien kjarament viżibbli tant li dejjaq u ma ssodisfax lill-kompratur li, immedjatament mal-konsenja, ipprotesta mal-venditur dwar dan il-fatt. Stabbilit dan wieħed kellu jeżamina xi drittijiet kellu l-kompratur fil-konfront ta' l-inadempjenza kontrattwali tal-venditur li jikkonsenja l-oġġett li dwaru sar il-ftehim mingħajr difetti u allura ta' kwalità kif miftehma. Dawn id-drittijiet huma ben preċiżati mill-Kodiċi Ċivili u huwa neċessarjament f'dawn il-parametri li l-kompratur jeħtieġlu jaġixxi biex jissodisfa d-drittijiet tiegħu kontra l-venditur. Ma jistax għalhekk il-kompratur jagħmel toroq ta' azzjoni li l-liġi ma tipprovdilux u li l-venditur ma kienx obbligat li jirrispondi għalihom. Dan

naturalment sakemm ir-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-kontraenti kienu rregolati biss bil-kuntratt ta' kompro-vendità u mhux minn xi obbligazzjoni riżultanti minn xi ftehim sussegwentLjew anċillari għalih;

Issa l-artikolu 1390 tal-Kap. 16 kjarament u tassattivament jiddeponi illi "jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkonsinna ma tkunx tal-kwalità mwegħda jew ma tkunx bħal kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel: (1) jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni; (2) jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti". Minn imkien fil-liġi ma jirriżulta d-dritt li qed jippretendu l-appellanti li l-venditur iżomm l-oġġetti li ma jkunux skond il-kwalità miftehma jew bħall-kampjun u jesiġi li dan jiġi b'xi mod irranġat, in parte mibdul jew sostitwit. Din hi disposizzjoni essenzjali għall-protezzjoni tal-kompratur kontra l-pretensjoni tal-venditur li, una volta jkun ikkonsenja oġġett mhux tal-kwalità miftehma jew mhux bħall-kampjun, jippretendi li l-kompratur kellu jżomm dak l-oġġett ikkonsenjat waqt li hu jipprova jirranġah jew jimmodifikah biex iġibu jaqbel mal-kampjun jew mal-kwalità miftehma. Il-kompratur kellu d-dritt li jagħżel li jirrifjuta l-oġġett jew li jżommu bi prezz anqas. Din hi għażla miftuħa lill-kompratur li l-appellant, għar-raġunijiet tagħhom, ma għamlux;

Fil-fatt ma hemmx dubbju li fil-każ ta' konsenja ta' oġġetti mhux tal-kwalità pattwita, il-kompratur jista' jagħżel li jżomm l-oġġett u jippretendi li jħallas prezz inqas u ġie ukoll diversi drabi ritenut minn din il-Qorti li r-riċessjoni ta' l-oġġett u l-użu tiegħu mill-kompratur, allavolja jkun konsapevoli li mhux tal-kwalità pattwita, jeskludi mbagħad il-possibbilità li l-istess kompratur jagħżel li jitlob ir-riżoluzjoni tal-bejgħ. Infatti ġie deċiż f'**Mizzi** *vs* **Refalo** *noe* (Vol. XXI, pt. III, p. 49) li "*il ritorno della merce non è piu possibile quando, ricevuta la stessa, il compratore disponga anche in parte*";

L-istess ġie ritenut minn din il-Qorti in re **Buttigieg** *vs* **Hirst** (Vol. XXXII, pt. I, p. 163) u ċjoè "illi x-xerrej għandu d-dritt *jitlob risoluzzjoni tal-bejgħ meta l-oġġett ma jkunx* konformi għall-ftehim avolja jkun irċieva l-oġġett sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt bil-fatt tiegħu stess" (Appell Ċivili **Emanuele Borg** *vs* **John Xuereb** - 25 ta' Jannar, 1989);

"Lanjanza dwar nuqqas ta' kwalità pattwita tkun tikkonċerna dak li ma jirrendix (l-oġġett) vizzjat jew difettuż imma biss ta' preġju minuri jew ta' kwalità nferjuri" (***Giovanni Sammut*** ***vs*** **Philip Grima**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Ottubru, 1954 - **Carmelo Zammit** *vs* **Reverendu Dun Anton Aquilina** ***nomine*** deċiża mill-Prim'Awla fit-8 ta' Jannar, 1993);

*Kif ingħad il-konvenuti ddeċidew b'din l-azzjoni li ma* jagħżlu l-ebda waħda mid-difiżi li l-liġi espresament tagħtihom kontra l-allegata inadempjenza tal-venditur. Żewġ difiżi li kienu fil-verità jagħtu d-dritt lill-kompratur anke għar-riżarċiment tad-danni fejn dan ikun il-każ. Infatti, kieku l-konvnuti jagħżlu t-triq li jirrifjutaw il-ħaġa huma setgħu ukoll *expressis* jitolbu d-danni fit-termini ta' l-artikolu 1350 fuq iċċitat u f'każ li a tenur ta'l-istess artikolu, jkunu għażlu li jirċievu l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit, kien ikun ukoll possibbli għalihom li fejn jirriżultaw danni konsegwenzjali għall-inadempjenza kontrattwalli, jesiġu l-ħlas ta' dawk id-danni. "... iżda meta (il-kompratur) iżomm l-oġġett b'nuqqas ta' prezz, peress li dan jiġri wara r-riċezzjoni, kif inhu almenu pprovdut f'dan l-artikolu (1350) il-liġi tikkontempla biss in-nuqqas tal-prezz. Jekk, però, fil-fatt ix-xerrej jista' jkollu danni oħra li joħorġu min-nuqqas ta' adempjament tal-kuntratt ... (dan jista' jfittex għalihom) skond it-teorija ġenerali ta' l-obbligazzjonijiet" (Vol. XXXII, pt. I, p. 163);

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi, filwaqt li hi korretta s-sottomissjoni ta' l-appellanti *illi kien legalment u proċeduralment permess lilhom* li bħala kompraturi jopponu t-talba għal ħlas ta' l-attur *nomine* billi jeċepixxu li l-merkanzija kkonsenjata ma kinitx tal-kwalità pattwita, huma ċertament ma kinux korretti fl-insistenza tagħhom li jżommu l-mejda imma jibqgħu jesiġu li jridu ħġieġa ġdida, u li ma jħallsux il-bilanċ dovut qabel ma jsir dan. Din l-opzjoni ma kinitx miftuħa għall-kompratur. Lanqas jista' jingħad, kif donnu qed jissuġġerixxu l-appellanti, illi s-soċjetà attriċi kienet obbligat ruħha li tissostitwixxi l-ħġieġa ta' mejda b'waħda li ma kienx fiha difetti. Fl-aħjar ipotesi għall-appellanti *l-offerta tas-soċjetà attriċi kienet li huma jagħżlu ħġieġa oħra minn dawk li s-soċjetà attriċi kellha fl-istores*". Mhux biss, id-direttur tas-soċjetà appellata - korroborat mill-istess konvenuta - iddikjara li l-vendituri kellhom tliet ħġiġiet biss u kollha kien fihom xi difett ta' xi ħaġa;

F'sitwazzjoni ta' din ix-xorta allura ma jistax jingħad li kien hemm xi forma ta' obbligazzjoni da parti tas-soċjetà attriċi - sussegwentement għall-konsenja - li fuqha l-appellanti setgħu jeradikaw l-azzjoni tagħhom. Huma nfatti jakkampaw l-eċċezzjoni ta' l-intempestività proprju fuq *in-nuqqas tal-venditur* li jikkonsenja l-oġġett skond il-kwalità miftehma wara li kien obbliga ruħu li hekk jagħmel meta ġie riskontrat id-difett. *Imma kif ingħad, salv li tirriżulta obbligazzjoni speċifika li biha* jkun marbut il-venditur, u li allura tkun regolata bit-teorija ġenerali ta' l-obbligazzjonijiet u li n-nuqqas ta' adempiment tagħha tista' tiġġustifika eċċezzjoni ta' intempestività ta' l-azzjoni *għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz (obbligazzjoni din li kif* ingħad ma tirriżultax f'dan il-każ), ma hemmx lok għal din l-eċċezzjoni ta' intempestività fejn id-difiżi aċċessibbli għall-kompratur huma dawk kategorikament *elenkati fl-artikolu* 1390 fuq iċċitati;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.